ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

Aħbarijiet

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/31
Mistoqsijiet mill-midja: ECHA Press

# Chesar 2.0 rilaxxata u ferm rakkomandata

## L-ECHA tniedi ġenerazzjoni ġdida tal-Għodda tal-Valutazzjoni u r-Rappurtaġġ dwar is-Sigurtà Kimika biex tkompli tarmonizza u ttejjeb it-tagħrif dwar l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi.

**Ħelsinki, 20 ta' Ġunju 2012** – Il-verżjoni 2.0 ta' Chesar issa hija disponibbli u tista' titniżżel mis-sit elettroniku rivedut ta' Chesar. L-ECHA investiet fit-tfassil mill-ġdid tat-teknoloġija tal-informatika ta' Chesar sabiex ittejjeb l-istabilità tagħha u tagħmilha pjattaforma aħjar għal żviluppi ulterjuri bħala parti minn strateġija fit-tul għal Chesar. Titjib ieħor jinkludi: interfaċċja tal-utenti ddisinjata mill-ġdid, trasparenza ikbar fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-istima ta' espożizzjoni, karatterizzazzjoni tar-riskji ssimplifikata u verżjoni aġġornata tal-Istima tar-Riskji fil-Mira (TRA - Targeted Risk Assessment) żviluppata mill-ECETOC. Ġew estiżi wkoll il-possibilitajiet ta' importazzjoni u esportazzjoni ta' valutazzjonijiet sħaħ dwar is-sigurtà kimika (CSAs - Chemical Safety Assessment) jew pedamenti tas-CSA.

B'Chesar, l-organizzazzjonijiet industrijali jistgħu jqiegħdu għad-dispożizzjoni stimi ta' espożizzjoni ġeneriċi għall-kundizzjonijiet ta' użu fis-settur tagħhom. Imbagħad, ir-reġistranti waħedhom jistgħu jimportaw u jużaw dan it-tagħrif bħala punt ta' tluq għall-valutazzjoni speċifika għas-sustanza tagħhom. L-użu ta' Chesar sejjer jikkontribwixxi għall-effiċjenza u l-armonizzazzjoni fit-twettiq ta' CSAs. Għalhekk, l-ECHA tirrakkomanda bis-sħiħ sabiex ir-reġistranti (potenzjali) jużaw Chesar b'mod sistematiku sabiex jagħmlu rapporti dwar is-sigurtà kimika u xenarji ta' espożizzjoni.

Ir-rilaxx ta' Chesar 2.0 tal-lum jinkludi l-funzjonalitajiet għat-twettiq ta' CSAs fuq il-bażi ta' sett tad-dejta ta' IUCLID 5.4 u sabiex jiġu ġġenerati l-kapitoli 9 u 10 tar-rapport dwar is-sigurtà kimika (CSR), b'eċċezzjoni waħda: l-istimi ta' espożizzjoni għall-użi mill-konsumaturi għadhom ma ġewx inklużi fir-rilaxx attwali, iżda sejrin jiġu inklużi fil-verżjoni 2.1.

### Rilaxxi ulterjuri fl-2012

Biex tkun tista' ssir il-ġenerazzjoni ta' CSR sħiħ billi jinġabar it-tagħrif mill-IUCLID 5.4 u Chesar 2.0, bħalissa qiegħed jiġi aġġornat il-**ġeneratur ta' CSR** (plug in tal-IUCLID) attwali. Ir-rilaxx tal-ġeneratur ta' CSR huwa previst għal tmiem is-sajf.

Hemm il-pjan li funzjonalitajiet addizzjonali ta' **Chesar** jitqiegħdu għad-dispożizzjoni qabel tmiem l-2012. Dan jinkludi l-għodda ta' stima tal-espożizzjoni għall-konsumaturi żviluppata minn ECETOC (TRA) u l-ġenerazzoni ta' xenarji ta' espożizzjoni għall-komunikazzjoni. Hemm il-pjan ukoll li jkunu jistgħu jsiru importazzjoni u użu tal-librerija ta' frażijiet standard tal-Kunsill Ewropew dwar l-Industrija Kimika għall-komunikazzjoni tax-xenarju ta' espożizzjoni.

**Is-sit elettroniku rivedut ta' Chesar**
Anki s-sit elettroniku ta' Chesar ġie rivedut. Biex jitniżżlu l-applikazzjoni, il-manwali u l-avviż dwar ir-rilaxx, irid jinħoloq kont tal-utent. Dan japplika għal dawk li bħalissa jużaw Chesar ukoll.

**Għidilna x'taħseb**
L-Aġenzija tistieden lill-utenti sabiex jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar is-softwer ta' Chesar. Il-kummenti sejrin jiġu kkunsidrati meta jiġu żviluppati verżjonijiet futuri ta' Chesar. Tista' tipprovdi l-kummenti tiegħek permezz tal-formola online mill-Helpdesk tal-ECHA.

**X'inhi Chesar?**
Chesar hija l-Għodda ta' Valutazzjoni u Rappurtaġġ dwar is-Sigurtà Kimika tal-ECHA li tippermetti lir-reġistranti jwettqu l-valutazzjonijiet tas-sigurtà tagħhom b'mod strutturat, armonizzat u effiċjenti. Dan jinkludi l-importazzjoni direttament mill-IUCLID ta' dejta dwar il-periklu relatat mas-sustanza, id-deskrizzjoni tal-użi varji tas-sustanza, għal kull użu li fih jitwettqu stimi ta' espożizzjoni, l-identifikazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni tar-riskji, jekk ikun hemm bżonnhom, u l-wiri ta' kontroll tar-riskju. Fuq il-bażi ta' dan, Chesar tiġġenera s-CSR u xenarji ta' espożizzjoni għall-komunikazzjoni f'format ta' skambju elettroniku u bħala dokument bit-test. Chesar ġiet rilaxxata għall-ewwel darba f'Mejju 2010.

## Aktar informazzjoni

- Sit elettroniku ta' Chesar
  http://chesar.echa.europa.eu/

- Il-paġna tal-Helpdesk tal-ECHA għal kummenti
  http://apps.echa.europa.eu/forms/cms_helpdesk_form.aspx

- Webinar dwar il-Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika (CSA 1) għar-reġistranti prinċipali fis-26 ta' April 2012
  http://echa.europa.eu/support/training-material/webinars

- Webinar b'wirja live tal-verżjoni beta ta' Chesar 2.0 (CSA 2) fil-21 ta' Mejju 2012
  http://echa.europa.eu/support/training-material/webinars